32000R1651

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1651/2000

tas-26 ta' Lulju 2000

li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir - "Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill(KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġni għall-prodotti u għall-oġġetti ta' l-ikel agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-ismijiet ta' l-oriġni għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1509/2000 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 6(3) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, Franza bagħtet lill-Kummissjoni applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem bħala indikazzjoni ġeografika.

(2) Skond l-Artikolu 6(1) ta'dan ir-Regolament, l-applikazzjoni nstabet li tilħaq il-ħtiġijiet kollha stabbiliti fih u b'mod partikolari kellha t-tagħrif kollu meħtieġ skond l-Artikolu 4 tiegħu.

(3) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skond l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament rigward l-isem mogħti fl-Anness ma' dan ir-Regolament wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej [3].

(4) Għalhekk l-isem għandu jiddaħħal fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti"u għalhekk jiġi protett fil-Komunità kollha bħala indikazzjoni ġeografika protetta.

(5) L-Anness ma' dan ir-Regolament jissupplimenta l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1576/2000 [5],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-isem fl-Anness ma' hawn jiġi miżjud fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 u jiddaħħal bħala indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" stabbilit bl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Lulju2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1.
[2] ĠU L 174, tat-13.7.2000, p. 7.
[3] ĠU C 274, tat-28.9.1999, p. 5.
[4] ĠU L 327, tat-28.12.1996, p. 11.
[5] ĠU L 181, tal-20.7.2000, p. 35.

L-ANNESS

IL-PRODOTTI ELENKATI FL-ANNESSI MAT-TRATTAT TAL-KE, MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM

Il-Laħam

FRANZA

Agneau du Limousin (IĠP)